MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1156/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Mizzi u l-istess Paul Mizzi**

**Vs**

**Aloysia Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm378.99), in kwantu ghas-somma ta' Lm278.99 lis-socjeta assikuratrici, u kwantu ghas-somma ta' Lm100 lill-attur Paul Mizzi, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru FAW 418 fit-8 ta' Lulju 2001 gewwa

tal-Barrani, iz-Zejtun habtet mal-vettura numru CAF 662 propjeta ta’ Paul Mizzi u kkagunat danni fl-istess vettura.

Il-konvenuta kkontestat it-talba ta’ l-atturi.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Fit-8 ta’ Lulju 2001 sehh incident fi Triq Tal-Barrani, Zejtun bejn il-vettura tat-tip Opel bin-numru CAF 662 [misjuqa minn Kevin Mizzi] u l-vettura bin-numru FAW 418 misjuqa mill-konvenuta.

2. Mill-provi rrizulta li l-vettura Opel kienet qeghda tinstaq mid-direzzjoni ta’ Birzebbugia, filwaqt li dik misjuqa mill-konvenuta kienet harget miz-Zejtun.

3. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Kevin Mizzi xehed li l-vettura misjuqa mill-konvenut harget minn fuq il-lemin tieghu hekk kif ghaddej, filwaqt li l-konvenuta xehdet li hija kienet diga’ sabet postha fi Triq il-Barrani u l-vettura misjuqa minn Kevin Mizzi giet minn fuq ix-xellug taghha u laqtitha fuq il-mudguard ta’ quddiem tal-vettura taghha. Il-provi li tressqu quddiem it-Tribunal m’humiex ta’ ghajnuna biex jasal ghal konkluzjoni min mis-sewwieqa kellu responsabbilta ghall-incident. Jigi osservat li ukoll:

(a) Fl-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 6) iz-zewg vetturi jidhru fil-karreggjata ta’ barra tat-Triq tal-Barrani;

(b) Kevin Mizzi xehed li mal-habta, *“jiena waqaft mill-ewwel”*. L-iskizz li sar mill-pulizija li nvestiga l-kaz juri mod iehor;

(c) Il-hsara li saret fil-vettura Opel Corsa CAF 662 (kif murija fir-ritratti Dok. LB1 u LB2) m’hijiex konfacjenti ma’ hsara li tikkaguna vettura li kienet qeghda

taqsam triq principali fil-hin ta' l-incident, jekk kif ighid Kevin Mizzi huwa dejjem kien ghaddej minn fuq il-karreggjata ta' barra.

(d) Il-hsara fil-vettura FAW 418 kienet fil-mudguard ta' quddiem tan-naha tax-xellug.

(e) Iz-zewg sewwieqa qabblu mal-posizzjoni tal-vetturi kif murija fuq l-iskizz.

4. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz it-Tribunal m'huwiex f'posizzjoni li jasal ghal konkluzjoni min huwa responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza. Huwa maghruf li *"meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbli u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti li jemani l-bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur"* [Prim'Awla tal-Qorti Civili – **G. Mifsud vs P. Micallef** deciza fl-1 ta' Lulju 1997]. Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Vincent Rausi noe et vs Joseph Muscat deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992, gie osservat: *"fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabiltajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkun sodisfacentement u konkludentment ipprova t-talbiet tieghu – actore non probante, reus absolvitur"*.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Spejjez huma ghak-karigu ta' l-atturi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------